# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tal-61 laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 2 ta'Settembru 2014 fis-6:00 p.m.***

| **Prezenti** | **Membri** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A Galea |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |
| **Osservaturi mill-Monitoring Unit tad-Dipartiment ghal-Gvern Lokali** | Etienne Scicluna<br>Paul Pace (8.15) |
| **Skuzati** | |
| **Ambaxxatrici Zghaugha** | Rebecca Chircop |

**61/01 Talba**

61/01/01 Il-laqgħa bdiet fis-6.13 ta' filghaxija billi ntqalet it-talba. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) infurmat lis-Sindku sabiex l-Ambaxxatriċi Zgħazugħa tigi skuzata peress li kienet xogħol. Il-Kunsill unanimament approva li tiġi skużata. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa ma kienx inghata l-opportunita' li jara l-Minuti qabel il-Laqgha. Hu informa li ghandu xi emendi ghall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

61/01/02 Is-SE infurmat lill-Kunsill li d-Direttur bghatt ufficcjal mill-Monitoring Unit (MU) sabiex josserva l-laqgha. Il-Kunsill ma jistax jitolbu pariri u ghax huwa ma jkunx jista' jwiegeb peress li huwa kien se jkun bhalha osservatur biss. Is-SE infurmat ukoll li izjed tard ghandu jattendi l-Head tal-MU, l-Assistent Direttur is-Sur Paul Pace bhalha osservatur ukoll.

61/01/03 Is-SE infurmat li peress li l-gwida li rceviet mill-MU, dwar il-Kaz numru 720/14 - Manipulazzjoni ta' Minuti 59/06 Kunsill Lokali Hal Gharghur, ma kienetx cara, hija talbet li tircievi direzzjoni ahjar u allura talbet lis-Sindku u lill-Kunsill biex l-item numru 2 - Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha numru 60 u item numru 3 - Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa Numru 60 ma jigux diskussi waqt dik il-laqgha.

61/02/04 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa rcieva l-kopja tad-direzzjoni mill-MU indirizzata lis-SE, li kienet tghid hekk: 'B'referenza għall-imejl tiegħek ġentilment ninfurmak illi jekk id-diskors li sar mis-Sindku qiegħed fir-recording tal-laqgħa, dan għandu jitniżżel fil-Minuti. Jekk f'kaz li ma tniżżilx, għandu jsir *matters arising* mill-Minuti.'

61/02/05 Il-Kunsillier Vincent Galea staqsa lis-Sindku x'gara bil-Mozzjoni ta' sfiducja fis-SE li approva l-Kunsill peress li din kienet il-qofol ta' kollox. Is-Sindku wieġeb li se jitkellem dwar il-Mozzjoni izjed tard waqt il-laqgha.

61/02/06 Is-Sindku qal li d-direzzjoni tal-Monitoring Unit hi wahda cara u ma hemm ebda dubju ghall-interpretazzjoni. Is-SE sempliciment qed tallega li din id-direzzjoni ma kienitx cara ghaliex ma kienitx qed taqbel mad-decizjoni tal-Monitoring Unit u trid tkompli issostni l-posizzjoni zbaljata taghha u tkompli tallega li kien hemm xi manipulazzjoni tal-Minuti. Hu kien lest li jipproponi li sakemm jasal il-*Head tal-Monitoring Unit Items* Nos. 2 u 3 ma jigux diskussi u l-Kunsill jipprocedi ghall-Item No. 4 fuq l-Agenda. Il-Kunsill unanimament approva dan.

**61/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

61/04/01 Is-Sindku talab lis-SE halli tibda tohrog l-Iskeda tal-Pagamenti mal-Agenda. Is-SE infurmat lil-Kunsill li hija tibqa' zzid fuq l-iskeda sa dakinhar tal-laqgha, fil-fatt iddahhlet l-*invoice* tal-avukat li rcevew dakinhar stess. Is-Sindku fakkar lis-SE li skont Art. 31 (1) (B) l-iskeda tal-Pagament trid tinhareg mal-Agenda tal-Laqgha. Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa. Ġiet unanimament approvata ukoll l-iskeda tal-ħlasijiet li saru mill-*Petty Cash.*

**61/05 Ilmenti u Suggerimenti**

61/05/01 **Talba numru 18114001215243** - Talba biex titnehha l- *Bring-In-Site* ghaliex qed ikun hemm hafna skart mal-*Bring-In-Site* (BIS). Il-Kunsill kiteb lill-CEO tal-Green MT sabiex din il-BIS tinzamm nadifa. Is-SE intalbet tikteb lill-Green MT u tibghat silta mill-ftehim dwar min hu responsabbli ghat-tindif biswit il-BIS. Il-Kunsill unanimament iddecieda li jaghmel monitoring ghal hmistax u jekk din il-BIS ma tkunx imnaddfa ta' spiss, il-Kunsill inehhiha.

61/05/02 **Talba numru 18114063215250** - Talba biex fi Triq in-Naxxar issir manutenzjoni tas-sigar minhabba periklu ghan-nies u ta' hsara ghall-karozzi. Is-SE intalbet tikteb lit-TM fuq sigar li hemm bzonn jinzabru fit-Triq tal-Balal peress li din triq arterjali u ghandha tikteb ukoll lill-ELC dwar is-sigar ta Triq in-Naxxar.

61/05/03 **Talba numru 18114032215247** - Talba biex isir *refreshing tal-markings* ta numru 17, Triq Dun Karm Fenech. Il-Kunsill approva unanimament li jsir dan ix-xoghol kif ukoll sabiex isir *refreshing tal-markings* fi Sqaq Charlotte.

61/05/04 **Talba numru 18114029215237** - Talba biex fi Triq Dun Salvatore Zarb jigu iffurmati l- kaxxi sofor tal-garaxxijiet. Il-Kunsill approva li jsiru dawn il-*markings* u s-SE intalbet isegwi dan ix-xoghol.

61/05/05 **Ilment numru 18114065215239** Talba biex fi Triq Indipendenza isiru l-kaxxi tal-parking. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din it-talba peress li numru ta' residenti kienu oggezzjaw fil-passat li dawn isiru.

61/05/06 Il-Vici Sindku s-Sur Mark Azzopardi informa lill-Kunsill li tal-gas ma waqafx dik il-gimgha fil-Pjazza tad-Dejma peress li t-tabella kienet ghadha ma twahhlitx fuq il-post tar-*reserved.* Is-SE intalbet tinforma lir-resident sabiex terga twahhalha.

61/05/07 Il-Vici Sindku gibed l-attenzjoni fuq il-*bollards* ta' Triq San Gwann u fuq il-*culvert* ta' l-

istess Triq. Is-SE infurmat li kitbet kemm lit-TM fuq il-*bollards* u anka lill-Ministru concernat dwar il-*culvert*. Hija ghadha ma nghatatx *feedback*.

**61/06 Korrispondenza**

Ġiet innotata l-Korrispondenza elenkata fil-lista ppreżentata mis-SE fosthom:

61/06/01 Korrispondenza dwar *Illegal dumping and drainage problems* giet innotata mill-Kunsill.

61/06/02 Korrispondenza mill-LCA - Cirkulari AGL Cirk 49/2014- Stedina lill-Kunsilli Lokali ghal zewg wirjiet ta' *Heritage Malta* giet innotata mill-Kunsill

61/06/03 Korrispondenza mit-TM dwar *One Way* Triq Dun Karm Vella. Il-Kunsill ircieva talbiet mir-residenti tat-Triq li jippreferu li t-Triq tigi *one way* inti u nizel minn 31 ta' Marzu milli kif issuggerixxiet t-TM. Is-SE intalbet tikteb lit-TM dwar dan il-kaz.

61/06/04 Korrispondenza mid-DGL dwar *Reminder* ghal Memo 20/2014- Kanali tal-ilma. Il- Kunsill innota din il-korrispondenza.

61/06/05 Korrispondenza mill-MEUSAC dwar *Work Programme and Follow up*. Il-Vici Sindku nforma lill-Kunsill li huma kienu ghadhom ma rcievewx il-PIC mis-Sindaco ta' Comune di Chiaramonte-Gulfi li kienu se jaghmlu gemellagg mal-Kunsill ta' Hal Gharghur. Huwa rega kiteb sabiex jibghatulna d-dokumentazzjoni mehtiega. Il-MEUSAC kienet infurmata b'dan.

61/06/06 Kwotazzjoni ghat-tindif tal-*Airconditioners* (ACs) tal-Kunsill giet innotata mill-Kunsill. Il-Kunsill unanimament approva li jsir it-tindif u *maintenance* fuq l-ACs.

61/06/07 Korrispondenza minn resident dwar Bougainvilla li kellha bzonn tinzabar li hemm fi Triq Mons Luigi Catania giet innotata. Is-SE kienet diga hadet azzjoni fuq dan l-ilment.

61/06/08 Korrispondenza *IKIDS Certificate presentation Ceremony* giet innotata. Is-SE intalbet tinforma lis-Sur Ray Abela li l-Kunsillier Galea kellu jirrapprezenta lis-Sindku.

61/06/09 Korrispondenza mill-Monitoring Unit tad-DGL dwar Kaz Nru 720/14-Manipulazzjoni ta' Minuti tal-Laqgha numru 59-06 Kunsill Lokali Hal Gharghur. Din giet diskussa mill-Kunsill waqt din il-laqgha.

61/06/10 Korrispondenza dwar Mandat ta' Inibizzjoni mill-Qorti dwar it-*Tender The Collection of Mixed Household Waste*. Is-Sindku nforma li huwa flimkien mas-SE u l-Avukat tal- Kunsill marru l-Qorti imma s-Sur Bryden Azzopardi ma kienx prezenti peress li ma kienx gie innotifikat. Minhabba f'hekk il-kawza giet iddeferita ghas-16 ta' Settembru 2014.

61/06/11 Korrispondenza mis-Sur Joe Attard CEO tal-Green MT dwar Skart hdejn il-BIS Hal Gharghur. Din giet innotata mill-Kunsill u diskussa waqt din il-laqgha.

61/06/12 Giet ippreżentata lista tal-ispejjez tal-attivita' Unur Excelsior 2015. Din ġiet approvata

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

unanimament. Is-SE intalbet tipprovdi kopja ta' din il-lista lill-Kunsillieri.

61/06/13 Memo 24/2014 - Applikazzjonijiet pendenti quddiem l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Il-Kunsill innota li ghandu *Compliance Certificate* dwar Gnien il- Ponta pendenti. Is-SE intalbet tinforma lill-MEPA.

61/06/14 Memo 23/2014-manutenzjoni tas-sinjali u marking tat-Toroq u tas-*Sleeping policeman*. Din giet innotata mill-Kunsill.

61/06/15 Korrispondenza mill-*Accountant* tal-Kunsill dwar *Finances re Business Plan* giet innotata. Is-SE intalbet tibghat l-figuri tal-PPP u lista tat-Tenders lill-*Accountant*.

61/06/16 Korrispondenza dwar applikazzjonijiet godda mill-MEPA gew innotati.

61/06/17 Kwotazzjoni dwar xoghol ta' konkos biex saqaf jinbidel u jsir mill-gdid (€350) u jissewwa parti minn *fence* fil-Lanciritka (€150) giet innotata mill-Kunsill. Il-Kunsillier Muscat se jmur fuq il-post meta jsir dan ix-xoghol. Il-Kunsill approva unanimament dan ix-xoghol u l-hlas ta' €500 inkluz il-VAT.

61/06/18 Korrispondenza mid-DGL dwar Stedina ghal-laqgha dwar il-*European Mobility Week* giet innotata.

61/06/19 Korrispondenza mis-Sur Horace J Anastasi intitolata - Waqt il-laqgha tal-Kunsill ta' Hal Gharghur ta' nhar it-Tlieta, 12 t' Awwissu 2014. Is-Sindku qara din il-korrispondenza lill-Kunsilliera u din giet innotata mill-Kunsill.

61/06/20 Korrispondenza dwar Garanzija tal-Bank li nbghatet lill-BOV giet innotata mill-Kunsill.

61/06/21 Memo 25/2014-Skema dwar inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2014-2015. Il-Kunsillier Galea qal li se jahdem fuq din l-Iskema. Huwa qal li n-*Nursery* tal-Gharghur FC hemm bżonn li titmexxa izjed professjonali. Huwa tkellem ma persuna li tiehu hsieb din in-*Nursery* f'dan ir-rigward.

61/06/22 Korrispondenza dwar *Application Deadline* 12th September - *IOI training Porgramme on Regional Ocean Governance, Malta 10th November- 12th December 2014* giet innotata mill-Kunsill.

61/06/23 Korrispondenza mid-DGL dwar Memo 26/2014 - Nfiq tal-Kunsill Lokali. Is-SE talbet lill-Accountant biex jiffornixxi l-informazzjoni mitluba.

**61/07 Materja Oħra u Mistoqsijiet**

61/07/01 Is-SE spjegat li hi hadmet il-claims minghand Euroclean u bhala spiza kuljum tal-fuel uzat ir-rata ta' €18.61 li hi ekwivalenti pro-rata ghall-konsum ta' 11.7Km kif stipulat fid-dokument tat-tender wara li dan kien gie emendat mill-Kuntrattur ghaliex originarjament kien stipulat bhala 22 Km bi spiza ta' €35 kuljum. Minn dan l-esercizzju irrizulta li l-ammont dovut lill-Kuntrattur hu ta' €6,209.03 u mhux ta' €11,677.36 kif talab il-Kuntrattur. Il-Kunsill unanimament accetta li jhallas l-ammont ta' €6,209.03 in *full and final settlement* u talab lis-SE sabiex tikkomunika u tispjega

lill-Kuntrattur id-decizjoni tal-Kunsill u titolbu jibghata invoices emendati u kif tircievihom tohrog il-pagament.'

61/07/02 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-SE kienet kitbet lil-*Road Services Ltd* dwar it-Tender tal-PPP2 u kienet talbet li tingieb il-*performace guarantee* fi zmien stipulat. Is-SE kellha taghmel kuntatt mal-Kuntrattur dwar din il-garanzija.

61/07/03 Is-Sindku spjega li wiehed miz-zewg zviluppaturi ta' blokka ta' appartamenti kien qed jitlob minghand il-Kunsill d-depositu li hu kien hallas qabel ma beda l-bini ta' €250. Dan id-depositu kien sar bhala garanzija li l-bankina terga tinbena mill-gdid wara li jkun tlesta l-izvilupp. Issa irrizulta li nofs il-bankina biss saret kif suppost bil-pavimentar filwaqt li n-nofs l-iehor ma sarx ghaliex dan l-izviluppatur qed jghid li dik hi responsabbilta' tal-izviluppatur l-iehor li qabel kien shab mieghu. Il-Kunsill unanimament iddecieda li jinghata lura nofs id-depositu jigifieri €125 u n-nofs l-iehor jithallas meta l-bankina tinbena kollha kif suppost. Sadanittant il-Kunsill talab lis-SE sabiex tirrapporta lill-MEPA li l-bankina ma inbnitx kollha kif suppost.

61/07/04 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-pompa li ittellgha l-ilma sabiex jissaqqa Gnien il-Paci kienet waqfet kif ukoll uhud mill-papijiet li jwasslu l-ilma fil-gnien kellhom bzonn jinbidlu. Dan ix-xoghol kellhu jsir b'urgenza u taqbad is-Sur Mario Abela sabiex jixtri pompa u l-materjal mehtieg halli tissewwa l-hsara. Il-Kunsill unanimament irratifika dan ix-xoghol kollhu u approva l-kont ipprezentat mis-Sur Mario Abela

61/07/05 Is-Sindku informa li l-Battefront Group kien ser jipprezentaw ghall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill proposta sabiex tittella attivita' ta' gurnata relatata mill-binijiet storici tar-rahal. Din tista issir flok il-Festival tal-Halib. Il-Kunsill unanimament qabel li jikkunsidra din il-proposta.

61/07/06 Is-SE infurmat lill-Kunsill li qed jircievu l-applikazzjonijiet ghall-Iskrivan/a u dawn jaghlqu fl-4 ta' Settembru 2014. Hija intalbet taghmel is-*short listing*. Il-Kunsill iddecieda li l-*interviews* isiru nhar l-Erbgha 10 ta' Settembru fl-4.00 pm. Il-Bord se jkun maghmul mis-Sindku, il-Vici Sindku, l-Kunsillier C. Fenech u mis-SE. Il-Kunsilliera A. Muscat u V. Galea intalbu jkunu prezenti jekk ikunu jistghu jattendu.

61/07/07 Il-Kunsillier Muscat informa lill-Kunsill dwar il-hanut li kien tal-laham fi Triq San Bartilmew li qieghed hdejn l-iskola. Huwa kien kellem lill-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex din il-propjeta' taqa' taht il-Kunsill.

61/07/08 Il-Kunsillier C. Fenech informa lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat se jorganizza *Halloween Party* flimkien mal Ghaqda tad-Dwal Godda. Huwa se jaghti izjed dettalji fil-laqgha li jmiss.

61/07/09 Il-Vici Sindku, s-Sur Azzopardi informa lill-Kunsill sabiex terga tinhareg is-sejha ghall-kwotazzjoni ghad-Dwal tal-Milied. Is-SE ghandha tipprepara s-Sejha ghall-kwotazzjoni.

***Hawnhekk dahal fis-sala s-Sur Paul Pace, Assistant Director, Monitoring Unit, DGL.***

61/07/10 Gie ipprezentat il-Mandat ta' Inibizzjoni li gie servut fuq il-Kunsill mis-Sur Brayden Azzopardi. Is-Sindku spejga li fid-9 ta' Gunju 2014 is-SE kienet harget bi zball zewg ittri lis-Sur Brayden Azzopardi wahda fejn infurmatu li ma kienx inghata l-kuntratt ghall-gbir tal-iskart domestika (kif suppost) u ohra li kienet tghid li hu inghata dan il-kuntratt (zbaljata). Fic-cirkustanzi s-Sur Brayden Azzopardi kienet talab lill-Qorti sabiex tohrog Mandat ta' Inibizzjoni. Il-Kunsill filwaqt li innota dan unanimament qabel li jinnomina lil Dr J. Gauci bhala avukat tal-Kunsill fuq dan il-kaz.

61/07/11 Is-Sindku spjega lill-Head tal-Monitoring Unit li l-Agenda kienet giet ezawrita hlief ghall-Items No. 2 u 3 peress li s-SE kienet qed isostni li d-direzzjoni moghtija mill-Monitoring Unit ma kienitx cara u kienet qed titlob revizjoni tad-decizjoni tal-Monitoring Unit. Is-Sur Pace ikkonferma d-decizjoni tal-Monitoring Unit u qal li jekk kien hemm xi items ta' laqgha precedenti li l-Kunsill xtaq li jiddahhlu fil-Minuti dawn setghu jidhlu taht Punti Mqajjma mill-Minuti. Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Paul Pace u unanimament qabel li jipprocedi sabiex jiddiskuti Items Nos. 2 and 3.

**61/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 60**

Is-Sindku ippropona u l-Kunsill unanimament approva dawn l-emendi:-

61/02/01 Il-paragrafi kollha minn 61/02/01 sa 61/02/43 kif ukoll il-paragrafi 60/07/01 sa 60/07/12 u minn 61/02/44 sa 61/02/48 jinqatghu kollha barra u flokhom jiddahhlu dawn l-emendi li kienu gew approvati unanimament mill-Kunsill:-

61/02/02 Fir-raba line jinqatghu barra l-kliem ' u allura ipprezenta l-emendi sabiex jigu accettati mill-Kunsill' u minflok jizdiedu 'ghaliex ma saritx konsultazzjoni mieghu mis-S.E. Hu kien ser iressaq xi emendi.'

61/02/03 Para 60/02/01: Fi-raba line tinqata barra s-sentenza kollha li tibda:- 'Din l-emenda giet approvata………..' u l-paragrafu jieqaf fir-raba line wara 'dewmien'

61/02/04 Para 60/02/03: Tinqata barra din is-sentenza:- 'Din l-emenda giet approvata mill-Kunsillieri unanimament'.

61/02/05 Para 60/02/08: Din tinqata barra u tidhol riferenza li ser tigi diskussa taht *Matters Arising* tal-lum skont id-direzzjoni tal-*Monitoring Unit*.

61/02/06 Para 60/02/10: Din tinqata barra u tidhol riferenza li ser tigi diskussa taht *Matters Arising* tal-lum skont id-direzzjoni tal-*Monitoring Unit*

61/02/07 Para 60/02/19: Il-kelma ' vilinanzi' ghandha tinbidel ma 'vicinanzi'

61/02/08 Para 60/02/24: Wara s-Sindku tidhol il-kelma ' ippropona' u wara l-Vici Sindku tidhol il-kelma 's-sekonda', 'wara dawn gew' jinqatghu l-kliem 'issekondati mill-Kunsillier Vincent Galea ' u minflok jidhlu ' approvati'.'

61/02/09 Para 60/03/01: Tinqata barra l-kelma ' Accountants' u tinbidel ma ' Accounts'

61/02/10 Para 60/03/06: Tinqata barra s-sentenza 'Is-SE intalbet tikteb lid-DLG dwar dan il-motto'. Kif ukoll tinqata barra s-sentenza 'Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-gbir tal-

iskart separata huwa……..sa differenti'.

61/02/11 Para 60/03/07: Tinqata barra s-sentenza ' Huma ghandhom jiehdu hsieb li c-CCTV tahdem'

61/02/12 Para 60/03/11: Il-kelma 'hump' fit-tieni line tinbidel ma tabelli. Kif jispicca l-paragrafu ghandu jizdied li l-Kunsill gibed l-attenzjoni tas-SE ' Li ghad fadal diversi tabelli pendenti u li ghadhom ma twahhlux fosthom dik tal-*One Way* fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki'

61/02/13 Para 60/03/13: Dan il-paragrafu jinqata kollhu barra u jidhol dan il-paragrafu:- 'Is-Sindku informa lill-Kunsill li hu kiteb lill-Accountant kif ukoll lis-SE u infurmahom li kif kien gie deciz mill-Kunsill fi Frar 14 meta gew approvati l-Estimi Finanzjarji tal-Kunsill kif ukoll kif inhu spjegat f'dawn l-istess estimi l-Kunsill ma kienx ser jidhol ghall-progetti kapitali godda imma ser ikun qed ilesti biss il-bini mill-gdid tal-Gnien tal-Ponta u l-installazzjoni tal-Lifter u l-kisi bit-tarmak ta' Triq Fra D. Mifsud. Ghalhekk dawn il-progetti ghandhom jidhlu fil-Business Plan ghas-sena 2014 pero ghas-snin 2015 u 2016 ghandhom jidhlu biss l-*operational expenses* u infiq kapitali zghir li normalment isir. Il-Kunsill unanimament qabel ma dan u heggeg lis-SE sabiex tlesti l-Business Plan minghajr aktar dewmien.

61/02/14 Para 60/03/16: Jinqatghu barra l-kliem 'Is-Sindku talab sabiex jekk' u minflok jidhlu 'Gie unanimament deciz' . Fit-tielet line jinqatghu barra l-kliem 'unanimament approva li' u l-kelma 'jixtru' tigi 'jixtri'.

61/02/15 Para 60/03/17: Il-kelma ' infurma' tinbidel ma 'informa'.

61/02/16 Para 60/03/19: Kif jispicca l-paragrafu ghandu jidhol 'Il-Kunsill heggeg lis-SE tlesti dawn minghajr aktar dewmien ghaliex ilhom pendenti x-xhur u kull darba jinghad li ser isiru u mill-laqgha ghall-ohra ma jsir xejn'.

61/02/17 Para 60/03/29: Jinqatghu barra l-kliem ' Dan il-bin twahhal' ghaliex fil-fatt dan ma twahhalx

61/02/18 Para 60/03/35: Jinqatghu barra l-kliem 'imma skont is-Sindku, l-accountant'….sakemm jispicca l-paragrafu u jidhol dan li gej:- ' Is-Sindku spjega li l-informazzjoni li s-SE baghtet lid-DLG ma kienitx korretta u ma kienitx tinkludi l-ammonti kollha dovuti lill-kredituri mill-Kunsill e.g l-ammonti dovuti lill-Kuntrattur li kesa t-toroq bit-tarmak taht l-iskema tal-PPP. Il-Kunsill fakkar lis-SE li hi responsabbli li tizgura li lid-DLG tinghatalhu informazzjoni korretta u ghalhekk intalbet sabiex tirrevedi r-return u tibghat l-informazzjoni kollha u kompluta

61/02/19 Para 60/03/37: L- ammont minn €500 ghandu jinbidel ghall-€537.

61/02/20 Para 60/05/01: Jinqataghu barra l-kliem ' peress li hemm wiehed u mhux qed jintuza'.

61/02/21 Para 60/05/06: Tinqata barra s-sentenza fit-tielet line 'Is-Sindku qal li kieku…' u tidhol 'Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din it-talba'.

61/02/22 Para 60/05/08: Jinqatghu barra il-kliem ' ta' awgurju' u minflok jidhlu ' ghall-fejqan ta'malajr.

61/02/23 Para 60/06: Il-korrispondenza ghandha tigi emendata sabiex tkun kollha bil-Malti u tiddahhal ftit informazzjoni halli min ikun qed jaqra l-Minuti jifhem x'iddecieda l-Kunsill fejn japplika. e.g. fejn rizenja jinkiteb li l-Kunsill iddecieda li jibda l-process sabiex jigi impjegat haddiem iehor, fejn stima ghall traffic humps jinkiteb li din giet accettata mill-Kunsill u s-SE intalbet tohrog il-Purchaseorder. Fejn quotation ghal lift cover jiddahhal l-ammont mitlub etc. Ukoll issir numerazzjoni gdida 60/06/01

61/02/24 Para 60/07: Il-sub paragrafi kollha u kull ma hem miktub taht dan il-paragrafu jinqata kollha barra u minflok jidhol dan il-paragrafu:-

' Is-Sindku qara l-mozzjoni li kienet annessa mal-Agenda tal-Laqgha. Din-mozzjoni kienet qed tigi ipproponuta mis-Sindku u mill-Kunsillier Christopher Fenech u s-sekondata mill-Vici Sindku u mill-Kunsillieri Alfred Muscat u Vincent A. Galea. Hu ta' spjega fil-qosor ghalfejn kienet qed titressaq din il-mozzjoni u r-ragunijiet li wasslu sabiex jintalab li titnehha s-SE tal-Kunsill. Uhud mill-Kunsillieri ukoll tkellmu fuq din il-mozzjoni u spjegaw ghalfejn huma kienu jaqblu mal-mozzjoni. Qabel ma l-mozzjoni tressqet ghall-vot is-Sindku talab lis-SE jekk xtaqitx titkellem dwar din il-mozzjoni. Is-SE qrat rapport datat 12 t'Awwissu 2014 ta' sitt pagni fejn spjegat ghalfejn hi ma kienitx qed taqbel mal-mozzjoni. Il-mozzjoni tressqet ghall-vot u giet approvata unanimament . Il-Kunsill talab lis-SE sabiex il-mozzjoni flimkien mad-decizjoni tal-Kunsill jintbaghatu lill-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali.'

61/02/25 Para 60/08: Hawnhekk ghandu jidhol l-item li kien originarjament imnizzel fl-Agenda ghall-laqgha u jinghad 'Fuq decizjoni tal-Bord tal-Governanza (ittra annessa mal-Minuti) dan l-item hu meqjuz bhala null peress li kien tpogga fuq l-Agenda mis-SE minghajr konsultazzjoni mis-Sindku u ghalhekk mhux ser jigi diskuss waqt il-Laqgha..

61/02/26 Para 60/08: Materji Ohra u Mistoqsijiet ghandhom issa ikollhom numru 60/09 u s-sub paragrafi ghandhom jigu innumerati mill-gdid sabiex isegwi s-sekwenza.

61/02/27 Para 60/09/04: Aggornament ghandu jigi innumerat 60/10 u s-sub paragrafi ghandhom jigu innumerati mill-gdid sabiex isegwi s-sekwenza

61/02/28 In-numri tal-Pagni ghandhom jigu numerati korrettament halli jsegwu sekwenza.

**61/03 Punti mill-Minuti**

61/03/01 Il-Kunsill innota li s-SE li f'dawn l-ahhar tnax il-xahar naqqset milli tatttendi ghall- attivita' tal-Milied fil-Pjazza, ghall-attivita' tal-Ghar ta' San Brincat, ghall-attivita' tal- Battlefront Group, ghall-Festival tal-Halib, ghall-laqgha mal-Onor Ministri J Mizzi, E Bartolo u S Buontempo, ghall-Kuncert tal-Unur Ezcelsior u ghall-Attivita' ta' Jim ir- Rahal.

61/03/02 Il-Kunsill fakkar lis-SE li bhala l-Kap Finanzjarju tal-Kunsill ghandha l-obbligu li tara li r-rapport finanzjarji mitluba mill-ligi isiru fil-hin. Il-Kunsill innota li s-SE naqset milli:

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

1 Tirrevedi l-Business Plan meta fi Frar 2014 saru l-Estimi Finanzjarji tal-Kunsill u gew diskussi l-pjanijiet tal-Kunsill sal-elezzjoni li jmiss f'Marzu 2015.
2 Thejji Rapport Amministrattiv wara li l-Awditur hareg ir-Rapport Finanzjarju ghas-sena 2013.
3 Thejji r-Rapporti Finanzjarji ta' kull Kwart ghall-Marzu 2014 u Gunju 2014.
4 Thejji rapport tad-dhul u hrug li jghinu lill-Kunsill fil-monitoring tal-operat tiehu u jsiru Bank Reconciliation statements kull xahar.

Kemm il-darba s-SE inghatat parir sabiex jekk thoss il-htiega titkellem mas-SE li servew qabel halli tara kif dawn dejjem hadmu mal-Accountant tal-Kunsill minghajr problemi u r-rapporti imsemmija dejjem hargu fil-hin kif suppost. Il-Kunsill hu konvint li l- Accountant ma kienx sempliciment qed jaghmel backup kif qed tallega s-SE imma dejjem ha hsieb wara li jkun sar l-inputting tal-entries li jiccekkja l-inputting, jahdem id- depreciation, l-accruals u l-prepayments ecc. u johrog management accounts kull xahar inkluz il-*Bank Reconciliation Statements*. Koppji ta' dawn ir-rapport tas-sena l-ohra qedin filed ghand is-SE stess u ghalhekk hi stess tista tikkonferma. Jekk is-SE verament temmen li l-accoutant qed jonqos mid-doveri tieghu allura l-Kunsill jistaqsi ghalfejn is- SE dejjem irrakkomnadat li l-Accountant jithallas il-fees kull xahar u qatt ma irrakkomandat li jinhargu default notices halli eventwalment jigi itterminat il-kuntratt tieghu? Is-SE intalbet sabiex minghar aktar dewmien tara x'hemm bzonn isir sabiex ir- rapporti finanzjarji pendenti jitlestew kollha.

61/03/03 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa se jikteb lid-Direttur tad-DGL u jinformah li l- Minuti gew approvati unanimament mill-Kunsill.

61/03/04 Il-Vici Sindku nforma lill-Kunsill li wara lis-SE kienet kitbet lill-iskola dwar il-flooring tal-iskola fejn jilghabu t-tfal, dakinhar stess kien hemm xi haddiema qed jahdmu fuqu.

**61/08 Aġġornament**

61/08/01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-20.45 pm wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar il-Hamis 18 ta' Settembru 2014 fis-6.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Louise-Anne Gusman** | |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** | **Data** |